MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PETER BORG COSTANZI**

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2004

Talba Numru. 2246/2003

**FMC Motors Limited**

**Vs**

**John u Maria konjugi Attard**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu s-somma ta' disa' mija u hamsa u sebghin lira Maltin (Lm975), in parti rapprezentanti l-import ta' hmistax-il (15) kambjala li mmaturaw u progressivament saru dovuti fil-11 ta' Jannar 2002 u mill-11 ta' Mejju 2002 sal-11 ta' Gunju 2003 fl-ammont komplessiv ta' tmien mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm825) u l-bilanc ta' mija u hamsin lira Maltin (Lm150) rapprezentanti *bank charges* cjoe' ghaxar liri Maltin (Lm10) ghal kull kambjala.

Illi permezz ta' nota pprezentata fis-27 t'April 2004 gew esebiti erbatax (14) mill-hmistax-il (15) kambjala mertu tal-

kawza cjoe' l-kambjalijiet li skadew mill-11 ta' Mejju 2002 sal-11 ta' Gunju 2003 u li s-sorte gie ridott ghas-somma ta' sitt mija u sittin lira Maltin (Lm660).

Ra li l-konvenuti debitament notifikati ma pprezentaw l-ebda Risposta.

Sema' x-xhieda ta' Johann Cuschieri u ra l-atti tal-kawza.

**Ikkunsidra**

It-Tribunal jaghmel referenza ghas-sentenza moghtija fid-**29 ta' Mejju 2003 mill-Onor Imhallef Raymond C Pace sedenti fil-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet "Charles Pool Vs Carmelo Mercieca" (Cit.2744/1997)** fejn insibu rakkolta gudizzjarja interessanti hafna dwar in-natura ta' l-azzjoni kambjarja u d-difizi permessibbli u fejn, inter alia nghad:

"….il-kambjala ghandha natura awtonoma u ndipendenti mit-tranzazzjoni li minnha tohrog. *Inoltre* hija fin-natura taghha stess li hi strument kummercjali mahluq biex jassigura heffa u ghagla fic-cirkostanzi tal-krediti u d-dejn u quindi ladarba l-kambjala in kwistjoni giet iffirmata u ma giex ippruvat sodisfacentement li kien hemm hlas, lanqas *in parte* fuqha, t-talbiet attrici ghandhom jintlaqghu."

Illi l-kambjalijiet originali gew esebiti u minn ezami ta' l-istess kambjali jirrizulta li dawn gew iffirmati w accettati mill-istess konvenuti u ma saret l-ebda prova da parti tal-konvenuti li dawn b'xi mod ma gewx imhallsin.

Illi ghalhekk jidher evidenti li t-talba attrici tidher gustifikata.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jilqa' t-talba attrici kif ridotta u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija u sittin lira Maltin (Lm660) kif ukoll l-interessi relattivi fuq l-istess kambjalijiet mid-data ta' skadenza ta' kull kambjala sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez huma a karigu ta' l-istess konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------